

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8279 — NN Group/CBRE/PV/Portafoll tal-Proprjetà Immobbli fil-Ġermanja)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 3/07)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi NN Group N.V. ("NN Group", il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz tas-sussidjarja totalment proprjetà tagħha REI Germany Cross Docks B.V. (il-Pajjiżi l-Baxxi), minn naħa, u CBRE Group Inc. ("CBRE", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Poste Vita ("PV", l-Italja) min-naħa l-oħra permezz ta' struttura ta' fond, jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' portafoll ta' proprjetà immobbli ta' loġistika li jinkludi 10 beni ta' proprjetà immobbli li jinsabu fil-Ġermanja (il-"Portafoll", il-Ġermanja) permezz tat-trasferiment ta' ishma ("it-Tranżazzjoni").

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal NN Group: istituzzjoni finanzjarja dinjija li toffri servizzi tal-investment u tal-assikurazzjoni;
- għal CBRE: korporazzjoni kkwotata fil-Borża ta' New York (NYSE) b'attivitajiet ta' servizzi tal-proprjetà immobbli, fost postijiet oħra, fl-Unjoni Ewropea;
- għal PV: kumpanija tal-assikurazzjoni Taljana li tappartjenu lil Poste Italiane, li toffri servizzi postali, ta' loġistika, ta' tfaddil u investimenti, ta' ħlas, ta' assikurazzjoni u ta' komunikazzjoni diġitali
- għall-Portafoll: magħmul minn 10 beni ta' proprjetà immobbli (loġistika) li jinsabu fil-Ġermanja u mikrija b'kuntratti fit-tul lid-DHL: DHL Aachen-Würselen, DHL Hamm, DHL Essen, DHL Moers, DHL Böblingen / Holzgerlingen, DHL Kassel, DHL Brühl / Köln, DHL Freiburg, DHL Dortmund, DHL Lörrach.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-ttrattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8279 — NN Group/CBRE/PV/Portafoll tal-Proprjetà Immobbli fil-Ġermanja, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.